MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 1004/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard C. Spiteri**
**vs**

**KEITH BALZAN**

**Il-Qorti**

Rat lill-imputat **KEITH BALZAN** t'ghoxrin sena bin Michael u Louise nee Balzan, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 1988 u residenti 10, Triq il-Ktajjen, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita numru 449888M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar t-tmintax t'Ottubru 2008 ghal habta ta' nofs il-lejl w ghaxra gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra l-persuna ta' WPS 110 Maria Scicluna, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagixxi ghal

ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ WPS 110 Maria Scicluna, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dak s-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. talli voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

4. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ WPS 110 Maria Scicluna, PC 1427 Oliver Micallef u PC 834 J. Vella, persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b’xi mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom certifikat mahrug minn Doctor Maria Gatt fil-konfront ta’ Maria Scicluna bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tmienja t’Awwissu 2008 bhala Dok. CSH 2 u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta’ Jannar 2009 (fol. 38) tal-atti.
Semghet lil imputat jiddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta’ nhar l-Erbgha, erbgha ta’ Frar 2009.

Semghet wkoll lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tant li talab skuża lil pulizija ghal akkadut.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax t'Ottubru 2008 **Maria Frakova xehdet** bil-lingwa Ingliza (fol. 10) fejn qalet li ghal habta ta' nofs il-lejl nhar t-tmintax t'Ottubru 2008 hi flimkien ma certu Janis ta' nazzjonalita Russa u persuna ohra barranija, kienu mal-imputat fit-triq fejn kien hemm grupp li kienu qed jiggieldu w ghalhekk dawk li kienu maghhom, certu Keith, Janis u iehor jismu Dennis, marru jferquhom. Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat kienx qed jiggieled, x-xhud wiegbet li ma kienx. Qalet li hin minnhom, ħuha dar u sab pulizija ma wiccu u dawn haduh maghhom fil-karozza tal-pulizija. Qalet li Keith kien mal-grupp u marru l-pulizija fuqu u haduh maghhom. Mistoqsija mill-Qorti jekk ratx lil imputat jolqot lil xi hadd, wiegbet li ma ratux. Lanqas ma rat lil imputat jolqot lil xi pulizija mara. Mistoqsija jekk l-imputat kienx qed jghajjat mal-pulizija, x-xhud wiegbet li ma kienx. Qalet li hi rat lil imputat flimkien mal-pulizija meta dawn tal-ahhar gew u haduh maghhom. Qalet li hi ma ratux jitlaq jigri.

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2008 **xehdet WPS 110 Maria Scicluna** (fol. 19) fejn qalet li nhar t-tmintax t'Ottubru 2008, ghal habta ta' nofs il-lejl, hi, flimkien ma xi ufficjali ohra kienu xoghol Paceville fejn gew infurmati li kien hemm persuna ftit aktar 'l isfel mill-istabbiliment 'Browns' fi Triq San Gorg, li kien involut f'incident. Qalet li ghalhekk marru fuq il-post indikat fejn sabu diversi nies jiggieldu. Qalet li l-ewwel wiehed li sabet, qabditu minn dahru biex tnehhih mill-folla u meta dan ra li kienet pulizija, taha daqqa fuq in-naha tax-xellug ta' wiccha jew bil-ponn jew b'idu. Qalet li din il-persuna kienet l-imputat presenti fl-awla, li mbaghad telaq jigri.

Ziedet tghid li PC 1427 Oliver Micallef u PC 834 Vella telqu jigru warajh u qabduh kwazi fejn l-*bus terminus*. Qalet li hi ma kienetx f'posizzjoni li tigri warajh peress li kien hemm persuna ta' nazzjonalita Germaniza, li kien habib tal-imputat, li bdiet zzommha milli tmur tigri warajh.

Kompliet tghid li sussegwentement dan l-Germaniz telaq jigri wkoll warajh u kien dak l-hin li hi setghet tmur tigri warajhom kollha. Qalet li hi arrestat lil imputat appena

qabditu u nizzlitu l-ghassa San Giljan. **<u>Mistoqsija jekk ratx lil imputat jaghtiha d-daqqa ix-xhud wiegbet li ma ratux, hasset d-daqqa biss</u>**. Qalet li wara hi kienet marret l-poliklinika fejn giet ezaminata mit-tobba li rrilaxxaw certifikat mediku.

Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2008 **xehed PC 1427 Oliver Micallef** (fol. 21) fejn qal li nhar t-tmintax t'Ottubru 2008 waqt li kien stazzjonat Paceville, kien gie nfurmat li kien hemm xi glieda fejn l-istabbiliment 'Browns' fi Triq San Gorg w ghalhekk flimkien ma xi ufficjali tal-pulizija ohra li kien hemm mieghu, marru fuq il-post fejn sabu li kien hemm konfuzjoni shiha u xi nies jiggieldu.

Qal li hu u PC 834 Vella ppruvaw jifirdu lil min kien qed jiggieled u f'hin minnhom semgha xi nies jghidu li WPS 110 Maria Scicluna kienet qalghet xi daqqa f'wiccha. Qal li hu hares lura u ra lil PC 834 Vella jigri ghal wara l-imputat presenti fl-awla u hu wkoll telaq jigri ghal warajh. Qal li wara girja zghira, qalu lil imputat jieqaf w irnexxilhom jarrestawh u haduh l-lock up tal-ghassa ta' San Giljan. Qal li qabdu lil imputat fi Triq Elia Zammit, li hi ftit imbieghed mill-post fejn kien hemm l-glied. **<u>Qal li hu ma rax lil imputat jaghti daqqa lil WPS 110 Maria Scicluna. Qal li hu kien qal lil imptat jieqaf, tlett darbiet pero dan nonostante l-imputat xorta baqa jigri u ma waqafx</u>**.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru **xehed l-Ispettur Bernard Spiteri** (fol. 31) fejn qal li fit-tmintax t'Ottubru 2008 ftit wara nofs il-lejl, il-pulizija ta' San Giljan waqt li kienu qed jaghmlu r-ronda gewwa Paceville gew infurmati li fi Triq San Gorg gewwa Paceville stess kien hemm glieda ghaddejja u marru fuq il-post. Mieghu kien hemm WPS 110 Maria Scicluna, PC 1427 Oliver Micallef u PC 834 J. Vella u meta dahlu biex iferrqu lil dawk li kienu qed jiggieldu, WPS 110 Mria Scicluna qalghet daqqa go wiccha. Qal li min taha d-daqqa, harab jigri minn fuq il-post u meta hija marret biex tigri warajh, kien hemm persuna ohra li zammha liema persuna diga tressqet il-Qorti. Zied jghid li din il-persuna li harbet tigri infatti kienu qabduha fi triq lil hinn minn Triq San Gorg stess.

Qal li meta l-ghada hu kien kellem lil din il-persuna, li wara sar jaf li hija Keith Balzan li gharaf presenti fl-awla, hu kien ammetta mieghu li kien hemm xi glieda fi Triq San Gorg u hu kien dahal biex iferraq xi nies. **Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu li hin minnhom, hass lil xi hadd jigbdu minn dahru u dar u xejjer daqqa u qallu li mbaghad, x'hin sab il-pulizija ma wiccu, inhasad u telaq jigri minn fuq il-post. Qal li l-imputat kien wkoll ammetta mieghu li kien semaghhom jghajjtulu l-pulizija biex jieqaf, u ma waqafx u baqa' sejjer u li kien waqaf ghax lahquh il-pulizija**. Ix-xhud esebixxa certifikat tat-twelid li l-Qorti immarkat bhala Dok Z.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru **xehdet Dr Maria Pisani nee Gatt** (fol. 33) fejn qalet li fit-tmintax t'Ottubru 2008 hi kellha diga kunjomha Pisani ghalkemm it-timbru taghha kien Doctor Maria Gatt. Qalet li hi ghandha medical registration number 2752. Meta giet murija certifikat rilaxxjat minnha nhar it-tmintax t'Ottubru 2008 liema certifikat jinsab inserit fl-atti a fol 5 mmarkat bhala Dok CSH, ix-xhud kkonfermat li dan kienet hargitu hi fil-konfront ta' Maria Scicluna li kienet ezaminat dakinhar ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu. Qalet li kienet irriskontrat li din kellha ugiegh f'widnejha x-xellugija u fuq wiccha pero ma kienx hemm ticrit fit-tambur. Qalet li hi kklassifikat dawk il-griehi bhala feriti ta' natura hafifa. Qalet li Maria Scicluna ma kellha l-ebda marki fuq wiccha. U li hi ma kienet rat xejn vizibbli u qaghdet biss fuq dak li qaltilha Maria Scicluna.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2008 **xehed PC 834 Johann Vella** (fol. 35) fejn qal li fit-tmintax t'Ottubru 2008 ghall-habta ta' nofs il-lejl u ghaxra hu kien patrol gewwa Triq San Gorg San Giljan, Paceville bhas-soltu u dak il-hin inzerta hdejn il-van tax-xoghol meta gie avvicinat minn xi nies li qalulu li ftit 'l isfel mill-istabbiliment 'Browns' kien hemm glieda w ghalhekk acceda fuq il-post kif gie indikat lilu flimkien ma xi ufficjali ohra tal-pulizija. **Qal li hemmhekk ra tnejn min-nies qed jiggieldu w ipprova jferraqhom pero ma kellhomx x'jaqsmu ma dan il-kaz**. Qal li appena kkalmat is-sitwazzjoni hu, flimkien ma PS 1492 kien dakinhar sejjer lejn il-van u

dawwar wiccu u ra lill-imputat li **gharaf prezenti fl-awla bhala Keith Balzan, li ta daqqa go wicc is-surgenta**. Qal li dan tahielha *willfully*, fetah idejh u tahielha f'wiccha u dak il-hin telaq jigri minn Triq San Gorg ghal Triq Elia Zammit. Qal li hu telaq jigri warajh u dak il-hin lahqu PC 1427 Oliver Micallef u qabduh kif tispicca Triq Elia Zammit u qalulu biex jinzel ma' l-art u nizel ma' l-art u ghamlulu l-manetti u haduh hdejn il-van biex jittiehed l-ghassa ta' San Giljan. Qal li hu ma kienx jaf x'kien qed jinghad pero meta hu dawwar wiccu ra lil Keith Balzan jgholli idejh u jaghti daqqa lis-surgenta. Qal li dak il-hin ma setghax jghid x'kienet qed tghid is-surgenta ghax kienet dahra lejh.

Semghet lil partijiet jaghmlu sottomissjonijiet taghhom fis-seduta ta' nhar l-Erbgha, l-erbgha ta' Frar 2009.
Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat ma xhedtx viva voce f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxja stqarrija voluntarja nhar t-tmintax t'Ottubru 2008, liema stqarrija tinsab esibita fl-atti mmarkata bhala Dok. CSH 2 a fol 7.

Illi l-imputat f'din l-istqarrija jghid li hu kien Paceville ma shabu u f'xi hin ra glieda bejn xi nies u naturalment mar biex jifridhom. Jghid li dak l-hin, waslu l-pulizija, ghalkemm fil-fehma taghhom hasbu li huma kienu qed jiggieldu. Jghid li ra lil pulizija gejjin jigru ghal fuqu u sema' lil pulizija mara tghid li hu kien arrestat u dak l-hin ħa xokk. Jghid li l-pulizija haduh l-ghassa u sussegwentement haduh d-Depot. L-imputat jammetti li laqat lil pulizija mara li kien hemm fuq il-post, ghalkemm jghid li laqatha bi zball. Jichad li taha xi daqqa ta' ponn ghalkemm jammetti li hu mbuttaha.

Mistoqsi ghaliex imbotta lil pulizija, l-imputat jghid li ghamel hekk sabiex jitla jigri minn fuq il-post. L-imputat jikkonferma li ma kienx jaf lil dawk in-nies li kienu qed jiggieldu. Jammetti wkoll li nonostante l-ordni tal-pulizija sabiex jieqaf, hu baqa ghaddej.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak li qal l-istess imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni, liema xhieda ma gietx

kontestata fi stqarrija ulterjuri, jirrizulta li l-imputat imbotta u laqat lil pulizija mara WPS 110 Maria Scicluna sabiex jitlaq jigri ghaliex bezgha mill-pulizija. Jghid li ma laqathix b'mod voluntarju izda fl-istess nifs jghid li kien hu li mbottaha sabiex jghaddi w ghalhekk dan l-agir tieghu ghandu jitqies bhala wiehed voluntarju.

L-azzjoni li mbuttaha, fil-fehma tal-Qorti hija azzjoni diretta u tirrizulta wkoll intenzjonata u voluta.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta'dak li gie rappurtat aktar 'l fuq, l-imputat huwa hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat l-fedina penali netta tal-imputat esibita fl-atti u minn ezami tal-istess jirrizulta li hija ndellibbli w ghalhekk thoss li ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender.*

**Ghalhekk il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 95(1), 96(a), 338(ee), 338(dd) 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat KEITH BALZAN hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' hames mitt euro (€500).**

**Ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tobbligah taht penali ta' mitejn u tletin euro (€230) fin-nuqqas, li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil WPS 110 Maria Scicluna, PC 1427 Oliver Micallef u PC 834 J. Vella ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------